MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 896/2007

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**

**vs**

**Marlon (Mario) Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' erba' mija tnejn u sebghin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€472.49) ekwivalenti ghal Lm202.84), rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma` *mobile phone* bin-numri 9991 1554.

Il-konvenut interpellat diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-mandat ta' Qbid numerat 2325/07 u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fit-22 ta' April, 2008, mill-Avukat Nadia Vella u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------